Suppliment tal-Gazzetta tal-Gvern ta' Malta, Nru. 16,627, 12 ta' Ġunju, 1998
Taqsima B

A.L. 155 ta' l-1998

ATT TA' L-EDUKAZZJONI
(KAP. 327)

Regolamenti ta' l-1998 tal-Kors għall-Grad ta' Master of Science - M.Sc. - in Environmental Planning and Management

BIS-SAĦĦA tas-setgħat mogħtija lilu bl-artikoli 30 (5) u 31 (6) ta' l-Att dwar l-Edukazzjoni (Kap. 327), il-Kancillier ta' l-Universita' ta' Malta ppromulga dawn ir-Regolamenti magħmula mis-Senat ta' l-Universita' ta' Malta bis-saħħa tas-setgħat mogħtija lilu bl-artikoli 31 u 35 ta' dak l-Att:

Titolu u Interpretazzjoni

1. (1) Dawn ir-Regolamenti jistgħu jissejħu r-Regolamenti ta' l-1998 għall-Grad tal-Master of Science - M.Sc. - in Environmental Planning and Management.

(2) F'dawn ir-Regolamenti, kemm-il darba r-rabta tal-kliem ma teħtieġx xort'oħra -

"il-Bord" ifissser il-Bord ta' l-Istudji maħtur mis-Senat biex jimplimenta dawn ir-Regolamenti, fuq ir-rakkomandazzjoni tal-Bord ta' l-Istitut ta' l-Ambjent Internazzjonali;

"il-Grad" ifisser il-grad ta' Master of Science - M.Sc.;

"il-Kors" ifisser il-Kors ta' l-Istudji li jwassal għall-Grad ta' Master of Science - M.Sc. - in Environmental Planning and Management.

Applikabilita'

2. Dawn ir-Regolamenti għandhom ikunu applikabbli għal korsijiet li jibdew fl-1995 jew wara.

Il-Bord ta' l-Istudji

3. (1) Is-Senat għandu jaħtar Bord ta' l-Istudji biex jagħtih pariri fuq id-dħul ta' studenti, fuq il-programm akkademiku, u fuq materji li għandhom x'jaqsmu mat-tmexxija xierqa tal-Kors.

(2) Il-Bord għandu jkun kompost minn Chairman, Ko-ordinatur tal-Kors, tlett membri ta' l-istaff akkademiku li jgħallmu fil-Kors, membru nominat mill-Istitut ta' l-Ambjent Internazzjonali, u żewġ rappreżentanti ta' l-istudenti eletti mill-istudenti li jkunu jsegwu l-Kors. Membri oħrajn jistgħu jkunu ko-optjati mill-Bord jekk jinqala' l-bżonn.

Kwalifiki għad-Dħul

4. (1) Kandidat għandu jkun fil-pussess ta' waħda mill-kwalifiki li ġejjin biex ikun eliġibbli għal dħul fil-Kors.

(a) Grad ta' l-ewwel għallinqas tat-tieni kategorija jew aħjar minn din l-Universita' jew Universita' oħra rikonoxxuta mis-Senat għal dan il-għan.

(b) Is-Senat jista' f'każijiet eċċezzjonali fuq il-parir tal-Bord, jippermetti li jkunu ammessi fil-Kors, kandidati li għandhom kwalifiki oħrajn flimkien ma' esperjenza ppruvata estensiva fil-qasam tat-tħaddim u/jew ippjanar ambjentali.

(2) Id-dħul ta' student li l-ewwel grad tiegħu huwa meqjus mill-Bord li m'huwiex f'qasam relatat mat-tħaddim u/jew ippjanar ambjentali (Regolament 4(1)(a) fuq) jew student li għandu jkun ammess fit-termini tar-Regolament 4(1)(b), għandu jiddependi mir-riżultati ta' intervista. Il-Bord jista' jimponi rekwiżiti addizzjonali li jinkludu l-bżonn li kandidat jsegwi programm preparatorju ta' studji u li jgħaddi eżami ta' kwalifika qabel ma jkun reġistrat fil-Kors.

(3) Studenti ammessi fil-Kors li huma fil-pussess ta' Postgraduate Diploma in Environmental Management ta' din l-Universita' u jkunu kisbu l-medju Grad B fil-kredti assenjati lill-komponenti tal-Kors, jistgħu jkunu eżentati mill-Bord milli jsegwu ċerti taqsimiet studju, iżda n-numru finali ta'

kredti miksubin mill-istudenti fil-Kors m'għandux ikun inqas minn 12. Studenti ma għandhomx ikunu eżentati mid-dissertazzjoni, minkejja li huma jistgħu jitħallew itemmu l-Kors f'sena akkademika waħda fit-termini tar-Regolament 5(1) isfel.

It-Tul tal-Kors

5. It-tul tal-Kors m'għandux ikun inqas minn sentejn u mhux iktar minn tlett snin akkademiċi ta' studju *full-time* jew l-ekwivalenti fi studju *part-time*.

Il-Kors ta' l-Istudji

6. (1) Il-Kors għandu jkun offert f'oqsma ta' studju relatati mat-tħaddim u ppjanar ambjentali kif determinat mill-Bord u kif approvat mis-Senat.

(2) Il-Kors għandu jikkonsisti minn:

(a) taqsimiet studji u proġett taħt superviżjoni li huma assenjati total ta' mhux inqas minn 24 u mhux iktar minn 30 kredtu, f'kull qasam ta' studju offert.

(b) dissertazzjoni ta' minimu ta' 25,000 kelma relatata mal-qasam ta' l-istudju segwit, taħt il-gwida ta' superviżur maħtur mill-Bord.

(3) Il-programm tal-Kors għandu jinkludi:

a) Taqsimiet studju (interdixxiplinarji) ta' Orjentazzjoni
b) Taqsimiet studju Avvanzati (interdixxiplinarji) Elettivi
c) Taqsimiet studju ewlenin
d) Proġetti
e) Assenjamenti prattiċi superviżati
f) Taqsimiet studji ta' Applikazzjonijiet Elettivi
g) Proġett Integrat Finali
h) Dissertazzjoni

(4) Programm tal-Kors dettaljat u katalgu ta' taqsimiet studju għal kull qasam ta' studju, u l-kredti assenjati għal kull taqsima studju, li jindikaw liema taqsimiet huma obbligatorji, għandhom ikunu ppubblikati qabel il-bidu tal-Kors.

Valutazzjoni

7. (1) Kredti għal kull taqsima studju għandhom ikunu assenjati skond il-gradi A, B, C, D jew Weħel.

(2) Valutazzjoni tad-dissertazzjoni għandha tkun fuq il-bażi Għadda/Weħel.

(3) Id-dissertazzjoni għandha tkun eżaminata minn tlett eżaminaturi, li wieħed minnhom huwa s-superviżur maħtur mill-Bord. Il-Bord ta' Eżaminazzjoni jista' jitlob studenti biex joqoghdu għal eżami viva voce.

(4) Eżaminaturi esterni jistgħu jintalbu biex jassistu fil-valutazzjoni kollha jew f'xi waħda, u fl-eżaminazzjoni tad-dissertazzjoni.

(5) Studenti li ma jirnexxilhomx jiksbu kredtu għandhom ikunu ri-valutati darba waħda biss. F'dawn il-każijiet il-grad massimu li jista' jingħata huwa l-grad minimu.

Tmiem il-Kors

8. (1) Studenti għandhom ikunu kkunsidrati li jkunu temmu sodisfaċentament il-Kors jekk huma jkunu għaddew il-valutazzjoni ta' mhux inqas minn 24 kredtu u jkunu ssodisfaw l-eżaminaturi fid-dissertazzjoni.

(2) Dissertazzjoni li ma tilħaqx il-livell rikjest għandha tingħata lura lill-istudent għal reviżjoni, u għandha tkun ri-sottomessa għal eżaminazzjoni f'perjodu li ma jaqbiżx sena, kif dirett mill-eżaminaturi.

(3) Permess għas-sottomessjoni mill-ġdid tad-dissertazzjoni għandu jingħata darba waħda biss.

Għotja u Klassifikazzjoni tal-Grad

9. (1) Il-klassifikazzjoni finali tal-Grad għal kull student li jgħaddi għandha tkun ibbażata fuq ir-riżultati miksubin f'kull parti tal-Kors u għandha tkun ippubblikata bħala riżultat wieħed taħt il-kategoriji li ġejjin:

Għadda b'Distinzjoni
Għadda.